MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 350/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Grech talli fit-30 ta' Dicembru 2002 u f'dati precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal haddiehor mis-somma ta' aktar minn Lm15,000 flus u oggetti ohra ta' Nazzareno Grech, li gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha

specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Ottubru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi George Grech hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 u, a tenur ta’ l-artikolu 28H ta’ l-istess Kap. 9, ordnat li l-imsemmi George Grech ihallas lil Nazzareno Grech is-somma ta’ Lm15,789.10 fi zmien sitt xhur permezz ta’ pagamenti rateali ta’ Lm2,631.52 il-wiehed;
u lliberatu minn kull addebitu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ George Grech ipprezentat fis-7 ta’ Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi u, minghaj rpregudizzju, f’kaz li l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena/sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partjiet;

Rat l-iskrittura esebita fid-19 ta’ Novembru 2008;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) huwa mankanti l-element formali tar-reat. Il-provi fl-assjem taghhom gew erronejament interpretati mill-ewwel Qorti peress illi minn dawk il-provi ma kinitx legalment u ragonevolment deducibbli intenzjoni kriminali u ghalhekk id-dikjarazzjoni ta’ htija hi *“unsafe and unsatisfactory”*; (2) minghajr pregudizzju, f’kaz li l-ordni ghar-restituzzjoni tigi kkonfermata, is-somma ghandha tkun semmai ta’ Lm14,713.15 u mhux ta’ Lm15,789.10; (3) minghajr

pregudizzju, il-piena/sanzjoni nflitta mill-ewwel Qorti hi eccessiva.

Brevement il-fatti kienu s-segwenti: certu Nazzareno Grech iddahhal l-Isptar San Luqa wara li tatu puplesija u waqt li kien qieghed hemm ghamel prokura lill-appellant. Skond Nazzareno Grech l-iskop tal-prokura kienet biex l-appellant igiblu l-pensjonijiet. Skond l-appellant il-prokura kienet sabiex jamministra flus Nazzareno Grech izda mbaghad l-istess Nazzareno Grech qallu li seta' jiehu kollox fuq ismu. L-appellant effettivament dawwar f'ismu l-flus li Nazzareno Grech kellu l-Bank. Dak li jrid jigi determinat mhuwiex biss x'intenzjoni kellu Nazzareno Grech izda wkoll jekk kienx jezisti l-element intenzjonali mehtieg fl-appellant biex jista' jinghad li jissussisti r-reat ta' approprjazzjoni indebita. Kif jispjega Luigi Majno[1]:
**"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo …. Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente**

---

[1] **Commento al Codice Penale Italiano**, UTET (1922), Vol. IV, para. 1953, pag. 105 – 106.

**pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di *violenza*) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il *dolo*."**

L-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati wara li stqarret li l-hsieb uniku ta' Nazzareno Grech meta ta l-prokura lill-appellant kien li jehodlu hsieb il-pensjoni, li minn imkien ma jirrizulta li Nazzareno Grech xtaq jitlef flusu u jghaddihom lil haddiehor. L-ewwel Qorti kkummentat ukoll fuq dik li tirreferi ghaliha bhala "l-ghaggla inkredibbli' li, ottenuta l-prokura, l-appellant ha l-flus depozitati ghand l-almonier li, "jekk ried li jitwemmen li missieru tah dawk bankarji, verament ma kellux ebda jedd fuqhom. Mhux talli hekk, talli lanqas indenja li jroddhom lura lill-Ispettur Cordina meta radd lura l-effetti l-ohra ta' [Nazzareno Grech]. Fil-fatt l-akkuzat donnu jirraguna li hu ghandu xi jedd fuq flus Nazzareno u donnu qishom tieghu." L-ewwel Qorti osservat ukoll illi anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument il-kwerelant (Nazzareno Grech) seta' ta x'jifhem lill-appellant li ried jagevolah finanzjarjament, zgur li l-prokura qatt ma kienet intiza ghaldaqshekk. Skond l-ewwel Qorti, l-appellant kien dejjem konsapevoli ta' dan "ghax sahansitra kien jaf bil-kontenut tat-testment ta' missieru li kien halla flus ohra lil hutu u lill-karita`", u allura jekk jiehu kollox id-disposizzjonijiet tat-testment ma kinux jistghu jigu soddisfatti. Imbaghad l-ewwel Qorti kompliet hekk: "Hija tal-fehma l-Qorti darba li rat lill-kwerelant jiddeponi, illi difficli temmen li dana ried u fil-fatt ta gidu kollu lil ibnu biexb'hekk hu spicca bla sold jghix biss b'pensjoni pjuttost mizera kif jghid l-istess akkuzat fl-istqarrija tieghu, meta fi kliemu stess Nazzareno jghid kemm hadem u bata ghal flusu. Illi stramb ukoll il-fatt li l-

akkuzat meta f'hafna mill-attivitajiet civili ta' missieru dejjem hadu jew ipprovdielu nutar, issa ma hasibx jekk kienet se ssir din it-tip ta' donazzjoni li jikkonsolidaha b'mod inekwivoku. Daqstant iehor stramb li George Grech haseb, anzi ried min jemmen, illi missieru qallu hu kollox bla ma ssemmiet somma u dana allura kull sold li sab ghamlu tieghu sa wasal b'mod mhux spjegabbli li spicca tnehhiet persuna ohra minn fuq joint account u sostitwit bih innifsu."

Wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha, ikollha tosserva li fil-kummenti taghha l-ewwel Qorti ghamlet xi osservazzjonijet fattwalment mhux korretti – u dawn gew rilevati anke mill-appellant. Hekk fit-testment tieghu tas-6 ta' Awissu 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon[2], Nazzareno Grech kien halla prelegat lill-appellant, legat lill-Knisja u l-Istituti taghha u nnomina lill-appellant bhala eredi universali tieghu. Jigifieri l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li Nazzareno Grech kien halla flus ukoll lil hutu. Punt iehor jirrigwarda l-kont esteru mal-Lombard Bank li, mid-Dok. JC1 a fol. 17 jidher intestat f'isem "Mr G & Mr N Grech" bl-indirizz ta' l-appellant. Mill-imsemmi dokument ma jirrizultax meta gie hekk intestat il-kont in kwistjoni izda fix-xiehda tieghu l-appellant stqarr li dan gara "fin-1993 nahseb". Jidher li dan kien originarjament *joint account* bejn Nazzareno Grech u certu Frans Debono u, skond l-appellant, kien fuq rikjesta ta' Nazzareno Grech li dahal l-appellant minflok Frans Debono. Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, huwa verosimili li dan sehh fl-1993 peress illi kienet l-istess sena li fiha Nazzareno Grech ghamel it-testment tieghu fuq imsemmi. Barra minn hekk mill-i*statement* innifsu (Dok. JC1) jirrizulta li d-data ta' l-i*statement* huwa s-17 ta' Lulju 2001. Jigifieri m'hemm l-ebda dubju li t-talba sabiex il-kont jinqaleb f'isem il-kwerelant u l-appellant minflok ma jibqa' f'isem il-kwerelant u terza persuna, ma saritx wara li nghatat il-prokura mill-kwerelant favur l-appellant u liema prokura nghatat fit-30 ta' Awissu 2001.

[2] A fol. 397 – 399.

Issa, huwa minnu li hemm differenza bejn prokura u donazzjoni, u l-ewwel Qorti qiset stramb kif l-appellant ma pprovdiex nutar lill-kwerelant sabiex jikkonsolida b'mod inekwivoku d-donazzjoni li, skond l-appellant, ried jaghmillu l-kwerelant. Din il-Qorti ma tara xejn stramb f'dan l-hekk imsejjah nuqqas ta' l-appellant. L-appellant kien gie rikonoxxut mill-kwerelant bhala iben l-istess kwerelant (ara sentenza fl-ismijiet **George Grech vs Nazzareno Grech et** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 1998). L-appellant kien jaf li l-kwerelant kien ghamel testment fejn, ghajr legat favur il-Knisja u l-Istituti taghha, kien hallielu prelegat u nnominah bhala eredi universali. Ghal hafna snin kien hemm relazzjoni felici bejn il-kwerelant u l-appellant u l-familja tieghu li kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet tal-kwerelant. Il-kwerelant stess anke xehed illi meta kien ghadu d-dar ic-cekkijiet tal-pensjoni kienu jmorru ghandu u kien jaghtihom lill-appellant biex isarrafhom. Jigifieri kien hemm diga` relazzjoni ta' fiducja bejn il-kwerelant u l-appellant, relazzjoni li kompliet meta l-kwerelant ghamel prokura favur l-appellant. Din il-Qorti naturalment hija soddisfatta li l-iskop primarju tal-prokura kien sabiex l-appellant ikun jista' jamministra l-gid tal-kwerelant, inkluz li jehodlu hsieb il-pensjonijiet. Dan jammettieh l-appellant stess[3]. Id-differenza fil-verzjonijiet bejn il-kwerelant u l-appellant hi li filwaqt illi l-appellant jghid li l-kwerelant wara qallu li seta' jiehu kollox, il-kwerelant jinnega dan.

Mill-assjem tal-provi din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kondizzjoni li l-kwerelant sab ruhu fiha l-Isptar u fic-cirkostanzi hawn fuq elenkati, kien hemm verament mument fejn seta' qal xi diskors li l-appellant interpreta fis-sens li l-flus depozitati f'isem il-kwerelant seta' jehodhom ossia jdawwarhom fuq ismu. Probabbilment l-intenzjoni tal-kwerelant ma kinitx li l-appellant seta' jehodhom ghalih ghall-uzu tieghu u l-appellant seta' fehem hekk minhabba *choice of words* da parti tal-kwerelant. Interessanti difatti huwa l-fatt illi meta l-kwerelant kien qieghed jixhed, jirreferi ghal okkazjoni fejn ghadda s-somma ta' Lm200 lill-appellant. L-ewwel jghid li "tahomlu" imbaghad li

3 Ara stqarrija a fol. 21.

“silifhomlu”. Mistoqsi ghaliex ghamel dik id-differenza wiegeb “Mhux tajtu mhux xorta. Tajtu u sliftu.” Din il-Qorti ma tistax ukoll ma tirreferix ghax-xiehda ta’ Duminka Grech (omm l-appellant) li qalet li meta marret tara lill-kwerelant l-Isptar u qaltlu biex jiftakar fit-tifel, dan qallha “it-tifel kollox tajtu, tajtu l-flus tal-bank kollha u ghidtlu biex jaghmel li jrid bihom.” Hemm ukoll ix-xiehda ta’ Winston Grech (hu l-appellant) li qal li meta mar jara lill-kwerelant St. Vincent de Paule u rrakkomandalu li jirrangaw barra mill-Qorti, il-kwerelant qalu “jien nahseb li tajthomlu l-flus. Qalli imma issa nsejt. Qalli imma issa rridhom lura. Qalli imma ma nistax nghid li tajthomlu l-flus ghax igibuni fuq gurament falz.” Pauline Grech, mart l-appellant, xehdet illi wara li l-kwerelant kien ghamel il-prokura favur zewgha u marru jarawh il-kwerelant qallu lill-appellant: “mur inti u l-mara tieghek u dawwru kollox issa ghax jien lilkom ghandi biss u Alla jhares ma kontux intom.” Qalet li f’okkazjoni ohra kienet qed titimghu l-brodu u kien hemm ukoll Duminka Grech u “ressaqli l-brodu u qallha jien lit-tifel u lill-mara tieghu jiena kollox tajthom. Qallha jaghmlu li jridu bihom.”

Filwaqt illi din il-Qorti mhijiex lesta li tikkoncedi li l-intenzjoni ta’ Nazzareno Grech kienet effettivament li l-flus kollha li kellu, l-appellant seta’ jehodhom ghalih innifsu izda kellu biss jibqa’ jamministrahom – anke jekk idawwarhom f’ismu, cioe` f’isem l-appellant – fl-istess hin ma jistax jinghad illi meta l-appellant zbanka l-flus kellu d-*dolo* mehtieg biex jista’ jinghad li jissussisti r-reat ta’ approprjazzjoni indebita. Jigifieri dan kien kaz li jidhol precizament f’dak li jghid il-Majno, cioe` **“colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d’un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale”**. Fortunatament fil-mori ta’ dan l-appell l-appellant u l-kwerelant waslu ghal ftehim li permezz tieghu l-appellant hallas lill-kwerelant ghas-saldu s-somma ta’ tmintax-il elf tmien mija u sebgha u sittin euro u tnejn u disghin centezmu (€18,8867.92) – ekwivalenti ghal tmint elef u mitt liri Maltin (Lm8,100). Fl-imsemmi ftehim Nazzareno Grech sahansitra ddikjara li ma kellux aktar interess fl-azzjoni kriminali odjerna.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u tilliberah minn dik l-imputazzjoni kif ukoll minn kull piena u ordni ghar-restituzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------